MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 581/2008

**Allied Newspapers Limited**
**(C-308)**

**vs**

**Borg Barthet Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Awissu, 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro2,016.77c rapprezentanti prezz ta` servizzi rezi fuq ordnijiet tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali numru 6552/07 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni ta` rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment rapprezentant tas-socjeta` konvenuta naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta` Frar, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro2,016.77c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------